MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 227/2005

**A.**

**-vs-**

**Kuraturi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Ottubru 2001 (Vide Dokument A);

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ta' dritt ghal att taz-zwieg kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fil-bidu tas-sajt tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-konvenut telaq minn Malta u sal-gurnata tal-lum qatt ma ghamel kuntatt ma' l-attrici;

U illi ghalhekk iz-zwieg bejn l-imsemmija partijiet huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975 b'tortijiet imputabbli lill-konvenut;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Ottubru 2001 bit-tit civili huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u senjatement ghal dak li jipprovdi l-artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

2. Konsegwentement tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti li hemm ezistenti bejn il-kontendenti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-11 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-Kuraturi Deputati ghall-assenti B ecepew:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-16 ta' Ottubru, 2001 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti nomne ma ressqux provi ghaliex ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt ma' l-assenti u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attrici, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li hija u l-konvenut izzewgu ghall-konvenjenza biex l-attrici tkun tista tibqa’ Malta u l-Qorti ghandha suspett li z-zwieg sar biss ghal dan l-iskop. Il-konvenut fil-fatt dabbar rasu mmedjatament wara z-zwieg u l-partjiet ghexu flimkien ghal ftit xhur, u dan izid iktar mas-suspetti tal-Qorti. Ghalhekk fil-waqt li fil-fehma tal-Qorti z-zwieg huwa null a tenur tas-sub-artikoli (d) u (f) fuq imsemmija ser tordna notifika lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jekk jidhirlu jipprocedi kriminalment fil-konfront tal-partijiet.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-16 ta’ Ottubru, 2001. L-ispejjes jithallsu mill-attrici; kif gia’ inghad il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega jekk iz-zwieg kienx konformi**
**mal-Ligjiet ta’ Malta u senjatament l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 255 u jekk jidhirlu li hu l-kaz jipprocedi fil-konfront tal-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------